

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** LINJA GWIDA (UE) 2016/65 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Novembru 2015

dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2015/35)

(ĠU L 14, 21.1.2016, p. 30)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Linja Gwida (UE) 2016/2299 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Novembru 2016	L 344	117	17.12.2016
► <b>M2</b>	Linja Gwida (UE) 2018/571 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Frar 2018	L 95	45	13.4.2018
► <b>M3</b>	Linja Gwida (UE) 2019/1033 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Mejju 2019	L 167	75	24.6.2019
► <b>M4</b>	Deċiżjoni (UE) 2020/506 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-7 ta' April 2020	L 109I	1	7.4.2020

**▼B****LINJA GWIDA (UE) 2016/65 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-18 ta' Novembru 2015****dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2015/35)****▼M1***Artikolu 1***Haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli**

1. Skont it-Titolu VI tal-Parti Erbgħa tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), assi negozjabbli għandhom ikunu soġġetti għal haircuts fil-valutazzjoni, kif iddefiniti fil-punt 97 tal-Artikolu 2 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), fil-livelli stipulati fit-Tabella 2 u 2a fl-Anness għal din il-Linja Gwida.

2. Il-haircut fil-valutazzjoni għal assi speċifiku tiddependi fuq il-fatturi li ġejjin:

- (a) il-kategorija tal-haircut li għaliha jiġi allokat l-assi, kif iddefinit fl-Artikolu 2;
- (b) il-maturità residwa jew il-ħajja medja ppeżata tal-assi kif iddefinit fl-Artikolu 3;
- (c) l-istruttura tal-kupun tal-assi; u
- (d) il-pass ta' kwalità ta' kreditu li għalih huwa allokat l-assi.

**▼B***Artikolu 2***Determinazzjoni tal-kategoriji ta' haircut għal assi negozjabbli**

Assi negozjabbli eliġibbli għandhom jiġu allokat għal waħda mill-ħames kategoriji ta' haircut, ibbażati fuq it-tip ta' emittent u/jew it-tip ta' assi, kif rifless fit-Tabella 1 fl-Anness għal din il-Linja Gwida:

- (a) Strumenti ta' dejn maħruġin minn gvernijiet ċentrali, ċertifikati ta' dejn tal-BĊE u ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊNi qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom li l-munita tiegħu hija l-euro huma inklużi fil-kategorija ta' haircut;

**▼M3**

- (b) Strumenti ta' dejn maħruġin minn: (i) gvernijiet lokali u reġjonali; (ii) entitajiet li huma istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet mhux ta' kreditu kklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema u li jissodisfaw il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60); (iii) banek ta' żvilupp multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll bonds koperti jumbo konformi mal-UCITS, huma inklużi fil-kategorija ta' haircut II;

**▼ M3**

- (c) bonds koperti konformi mal-UCITS minbarra bonds koperti jumbo konformi mal-UCITS; bonds koperti oħrajn; u strumenti ta' dejn maħruġa minn (i) korporazzjonijiet mhux finanzjarji, (ii) korporazzjonijiet fis-settur tal-gvern, u (iii) aġenziji li huma istituzzjonijiet li mhumiex ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), huma inklużi fil-kategorija ta' haircut III;
- (d) strumenti ta' dejn mhux assigurati maħruġa minn: (i) istituzzjonijiet ta' kreditu; (ii) aġenziji li huma istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60); u (iii) korporazzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu huma inklużi fil-kategorija ta' haircut IV;

**▼ B**

- (e) titoli ggarantiti minn assi huma inklużi fil-kategorija V, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tal-emittent.

**▼ M1***Artikolu 3***Haircuts fil-valutazzjoni għall-assi negozjabbli**

1. Il-haircuts fil-valutazzjoni għal assi negozjabbli allokatu għall-kategoriji ta' haircut I sa IV għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta':

- (a) l-allokazzjoni tal-assi speċifiku għall-pass ta' kwalità ta' kreditu 1, 2 jew 3;
- (b) il-maturità residwa tal-assi kif iddettaljata fil-paragrafu 2;
- (c) l-istruttura tal-kupun tal-assi kif iddettaljata fil-paragrafu 2.

**▼ M2**

2. Għal assi negozjabbli allokatu għal kategoriji ta' haircut I sa IV, il-haircut fil-valutazzjoni applikabbli għandha tiddependi fuq il-maturità residwa u fuq l-istruttura tal-kupun tal-assi (fissi, zero, varjabbli) kif iddeterminata abbażi ta' Tabella 2 fl-Anness ta' din il-Linja Gwida. Il-maturità rilevanti għad-determinazzjoni tal-haircut fil-valutazzjoni għandha tkun il-maturità residwa tal-assi, irrispettivament mit-tip tal-istruttura tal-kupun. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw fir-rigward tal-istruttura tal-kupun:

- (a) kupuni varjabbli b'perijodu ta' risettjar itwal minn sena għandhom jitqiesu bħala kupuni b'rata fissa;
- (b) kupuni varjabbli li għandhom indiċi ta' inflazzjoni taż-żona euro bħala rata ta' referenza għandhom jitqiesu bħala kupuni b'rata fissa;
- (c) kupuni varjabbli b'minimu li ma huwiex daqs zero u/jew kupuni varjabbli b'limitu massimu għandhom jitqiesu bħala kupuni ta' rata fissa;
- (d) il-haircut fil-valutazzjoni applikata għal assi li għandhom aktar minn tip wieħed ta' struttura ta' kupun għandhom jiddependu biss fuq l-istruttura tal-kupun fis-seħħ matul il-ħajja li jkun fadal tal-assi u għandha tkun ugwali għall-ogħla haircut applikabbli għal assi negozjabbli bl-istess maturità residwa u l-istess livell ta' kwalità tal-kreditu. Kull tip ta' struttura ta' kupun fis-seħħ matul il-ħajja li jkun fadal tal-assi tista' tiġi kkunsidrata għal dan il-għan.

▼ **M2**

2a. Il-maturità residwa għall bonds koperti għall-użu proprju għandha tiġi ddefinita bħala l-massimu tal-maturità legali, billi jiġi kkunsidrat kull dritt ta' estensjoni tal-ħlasijiet tal-kapital inkluż fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "użu proprju" għandha tfisser is-sottomissjoni jew l-użu minn kontroparti ta' bonds koperti li jkunu maħruġa jew iggarantiti mill-kontroparti nfisha jew minn xi entità oħra li magħha dik il-kontroparti jkollha rabtiet mill-qrib kif iddeterminat skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

▼ **M1**

3. Għal assi negozjabbli allokatu għall kategorija ta' haircut V, irrispettivament mill-istruttura tal-kupun tagħhom, il-haircuts fil-valutazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont il-ħajja medja ppeżata tal-assi kif dettaljat fil-paragrafi 4 u 5. Il-haircuts il-valutazzjoni applikabbli għall-assi negozjabbli fil-kategorija V huma stabbiliti fit-Tabella 2a fl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

4. Il-ħajja medja ppeżata tas-segment prijoritarju ta' titolu ggarantit b'assi għandha tiġi stmata bħala ż-żmien medju ppeżat li jifdal mistenni sakemm ikun sar ħlas lura għal dak is-segment. Għal titoli ggarantiti b'assi mobilizzati miżmuma, il-kalkolu tal-ħajja medja ppeżata għandu jassumi li l-opzjonijiet tas-sejħa tal-emittent ma jiġux eżerċitati.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, "titoli ggarantiti b'assi mobilizzati miżmuma" għandu jfisser titoli ggarantiti b'assi użati f'perċentwali ikbar minn 75 % tal-ammont nominali pendenti minn kontroparti li oriġinat t-titolu ggarantit b'assi jew minn entitajiet marbuta mill-qrib mal-oriġinatur. Dawn ir-rabtiet mill-qrib għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

▼ **M4***Artikolu 4***Haircuts fil-valutazzjoni addizzjonali applikati għal tipi speċifiċi ta' assi negozjabbli**

Minbarra l-haircuts fil-valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 3 ta' din il-Linja Gwida, il-haircuts fil-valutazzjoni addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għal tipi speċifiċi ta' assi negozjabbli:

- (a) titoli ggarantiti minn assi, bonds koperti u strumenti tad-dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma teoretikament vvalutati skont ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 134 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) għandhom ikunu soġġetti għal haircut fil-valutazzjoni addizzjonali fil-forma ta' tnaqqis fil-valutazzjoni ta' 4 %;
- (b) bonds koperti għall-użu proprju għandhom ikunu soġġetti għal haircut fil-valutazzjoni addizzjonali ta' (i) 6,4 % applikata għall-valur tal-istrumenti tad-dejn allokatu għall-passi tal-kwalità tal-kreditu 1 u 2, u (ii) 9,6 % applikata għall-valur tal-istrumenti tad-dejn allokatu għall-pass tal-kwalità tal-kreditu 3;

▼ **M4**

- (c) għall-finijiet tal-paragrafu (b), “użu proprju” għandha tfisser is-sottomissjoni jew l-użu minn kontroparti ta' bonds koperti li jkunu maħruġa jew iggarantiti mill-kontroparti nfisha jew minn xi entità oħra li magħha dik il-kontroparti jkollha rabtiet mill-qrib kif iddeterminat skont l-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60);
- (d) jekk il-haircut fil-valutazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu (b) ma tkunx tista' tiġi applikata fir-rigward ta' sistema ta' ġestjoni ta' kollateral ta' BĊN, aġent tripartit, jew TARGET2-Securities għal awtokollateralizzazzjoni, il-haircut fil-valutazzjoni addizzjonali għandha tiġi applikata f'dawk is-sistemi jew pjattaforma għall-valur tal-ħruġ sħiħ tal-bonds koperti li jistgħu jintużaw għal użu proprju.

▼ **B***Artikolu 5***Haircuts fil-valutazzjoni applikati għal assi mhux negozjabbli eliġibbli**▼ **M3**

1. Pretensjonijiet ta' kreditu individwali għandhom ikunu soġġetti għal haircuts fil-valutazzjoni speċifiċi ddeterminati skont il-maturità residwa, il-pass tal-kwalità tal-kreditu u l-istruttura tar-rata tal-imgħax kif stabbilita fit-Tabella 3 fl-Anness għal din il-Linja Gwida.
2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tal-istruttura tar-rata tal-imgħax ta' pretensjonijiet ta' kreditu:
  - (a) pretensjonijiet ta' kreditu b'“kupun zero” għandhom ikunu ttrattati bħala pretensjonijiet ta' kreditu b'rata fissa;
  - (b) pretensjonijiet ta' kreditu b'rata varjabbli b'perjodu ta' risettjar ta' aktar minn sena għandhom jiġu ttrattati bħala pretensjonijiet ta' kreditu b'rata fissa;
  - (c) pretensjonijiet ta' kreditu b'rata varjabbli b'livell massimu għandhom ikunu ttrattati bħala pretensjonijiet ta' kreditu b'rata fissa;
  - (d) pretensjonijiet ta' kreditu b'rata varjabbli b'perjodu ta' risettjar sa sena jew inqas u b'livell minimu, imma mingħajr livell massimu, għandhom jiġu ttrattati bħala pretensjonijiet ta' kreditu b'rata varjabbli;
  - (e) il-haircut fil-valutazzjoni applikata għal pretensjoni ta' kreditu b'aktar minn tip wieħed ta' ħlas ta' imgħax għandha tiddependi biss minn ħlasijiet tal-imgħax matul il-ħajja li jkun fadal tal-pretensjoni ta' kreditu. Jekk ikun hemm aktar minn tip wieħed ta' ħlas ta' imgħax matul il-ħajja li jkun fadal tal-pretensjoni ta' kreditu, il-ħlasijiet tal-imgħax li jibqa' għandhom jiġu kkunsidrati bħala ħlasijiet b'rata fissa, bil-maturità rilevanti għall-haircut tkun il-maturità residwa tal-pretensjoni ta' kreditu.

▼ **M4**

5. Strumenti ta' dejn iggarantiti b'ipoteki bl-imnut mhux negozjabbli għandhom ikunu soġġetti għal haircut fil-valutazzjoni ta' 25,2 %.

▼ **B**

6. Depożiti għal terminu fiss m'għandhomx ikunu soġġetti għal haircuts fil-valutazzjoni.

**▼ M1**

7. Kull pretensjoni ta' kreditu sottostanti inkluża fl-aggregazzjoni ta' kopertura ta' strument ta' dejn mhux negozjabbli ggarantiti bi pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli (iktar 'il quddiem "DECC") għandha tkun soġġetta għal haircut fil-valutazzjoni applikata flivell individwali skont ir-regoli stipulati ► **M3** fil-paragrafi 1 sa 2 ◀. Il-valur aggregat tal-pretensjonijiet ta' kreditu sottostanti inklużi fl-aggregazzjoni ta' kopertura wara l-applikazzjoni ta' haircuts fil-valutazzjoni għandu, f'kull mument, jibqa' ekwivalenti għal jew 'il fuq mill-valur tal-ammont prinċipali tad-DECC li jkun pendent. Jekk il-valur aggregat jaqa' taħt il-livell minimu msemmi fis-sentenza preċedenti, id-DECC għandu jitqies ineliġibbli.

**▼ B***Artikolu 6***Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mill-25 ta' Jannar 2016. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-5 ta' Jannar 2016.

*Artikolu 7***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

▼ M1

ANNEX

▼ M3

Tabella 1

**Kategoriji ta' haircuts għal assi negozjabbli eliġibbli bbażati fuq it-tip ta' emittent u/jew it-tip ta' assi**

Kategorija I	Kategorija II	Kategorija III	Kategorija IV	Kategorija V
<p>strumenti ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali</p> <p>ċertifikati ta' dejn tal-BĊE</p> <p>ċertifikati ta' dejn maħruġa mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv</p>	<p>strumenti ta' dejn maħruġa minn gvernijiet lokali u reġjonali</p> <p>strumenti ta' dejn maħruġa minn entitajiet (istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet li mhumiex ta' kreditu) ikklassifikati bħala aġenziji mill-Eurosistema u li jissodisfaw il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)</p> <p>strumenti ta' dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali</p> <p>bonds koperti jumbo konformi mal-UCITS</p>	<p>bonds koperti konformi mal-UCITS minbarra bonds koperti jumbo konformi mal-UCITS</p> <p>bonds koperti oħrajn</p> <p>strumenti ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji, korporazzjonijiet fis-settur tal-gvern u aġenziji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)</p>	<p>strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u aġenziji li huma istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness XIIa għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)</p> <p>strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġin minn korporazzjonijiet finanzjarji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu</p>	<p>titoli ggarantiti minn assi</p>

Tabella 2

## Livelli ta' haircuts fil-valutazzjoni (F%) applikati għal assi negozjabbli eliġibbli fil-kategoriji ta' haircuts I sa IV

		Kategoriji ta' haircuts											
Kwalità tal-kreditu	Maturità residwa (snin) <sup>(1)</sup>	Kategorija I			Kategorija II			Kategorija III			Kategorija IV		
		kupun fiss	kupun zero	kupun varjabbli	kupun fiss	kupun zero	kupun varjabbli	kupun fiss	kupun zero	kupun varjabbli	kupun fiss	kupun zero	kupun varjabbli
Passi 1 u 2	[0,1)	0,4	0,4	0,4	0,8	0,8	0,8	0,8	0,8	0,8	6,0	6,0	6,0
	[1,3)	0,8	1,6	0,4	1,2	2,0	0,8	1,6	2,4	0,8	8,0	8,4	6,0
	[3,5)	1,2	2,0	0,4	2,0	2,8	0,8	2,4	3,6	0,8	10,4	10,8	6,0
	[5,7)	1,6	2,4	0,8	2,8	3,6	1,2	3,6	4,8	1,6	11,6	12,4	8,0
	[7,10)	2,4	3,2	1,2	3,6	5,2	2,0	4,8	6,4	2,4	13,2	14,4	10,4
	[10, ∞)	4,0	5,6	1,6	6,4	8,4	2,8	7,2	10,4	3,6	16,0	20,4	11,6
Pass 3	[0,1)	4,8	4,8	4,8	5,6	5,6	5,6	6,4	6,4	6,4	10,4	10,4	10,4
	[1,3)	5,6	6,4	4,8	7,6	10,8	5,6	9,6	12,0	6,4	18,0	20,0	10,4
	[3,5)	7,2	8,0	4,8	10,8	14,8	5,6	13,2	17,6	6,4	22,4	26,0	10,4
	[5,7)	8,0	9,2	5,6	11,2	16,0	7,6	14,8	20,8	9,6	24,4	28,0	18,0
	[7,10)	9,2	10,4	7,2	12,8	19,6	10,8	15,2	22,4	13,2	24,8	29,6	22,4
	[10, ∞)	10,4	12,8	8,0	15,2	23,6	11,2	15,6	24,0	14,8	25,2	30,4	24,4

<sup>(1)</sup> jgħifieri [0,1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1,3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.



▼ **M4**

Tabella 2a

**Livelli ta' haircut fil-valutazzjoni (f%) applikati għal assi negozjabbli eliġibbli fil-kategorija ta' haircut V**

Kwalità tal-kreditu	Ħajja Medja Ppeżata <sup>(1)</sup>	Kategorija V
		Haircut fil-valutazzjoni
Passi 1 u 2	[0,1)	3,2
	[1,3)	3,6
	[3,5)	4,0
	[5,7)	7,2
	[7,10)	10,4
	[10, ∞)	16,0

<sup>(1)</sup> jġififeri [0,1) WAL (*weighted average life*) ta' inqas minn sena, [1,3) WAL ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.

Tabella 3

**Livelli ta' haircut fil-valutazzjoni (f%) applikati għal pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli**

Kwalità tal-kreditu	Maturità residwa (snin) <sup>(1)</sup>	Pagament ta' imgħax fiss	Pagament ta' imgħax varjabbli
Passi 1 u 2	[0,1)	6,4	6,4
	[1,3)	9,6	6,4
	[3,5)	12,8	6,4
	[5,7)	14,8	9,6
	[7,10)	19,2	12,8
	[10, ∞)	28	14,8
Pass 3	[0,1)	12	12
	[1,3)	22,4	12
	[3,5)	29,2	12
	[5,7)	34,4	22,4
	[7,10)	36	29,2
	[10, ∞)	38,4	34,4

<sup>(1)</sup> jġififeri [0,1) maturità residwa ta' inqas minn sena, [1,3) maturità residwa ta' sena jew aktar u inqas minn tliet snin, eċċ.